MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2015

Numru 274/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**vs.**

**Giuseppe Genovese**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Giuseppe Genovese**, iben Alberto u Maria neé Bono, imwieled Sqallija nhar is-26 ta' Dicembru 1950, u residenti gewwa 14, Amadeo Modigliani, Mazara Del Vallo, Trapani, Sqallija u detentur tal-Karta tal-Identita' Taljana AS 1386803,

akkuzat talli nhar l-Erbgha 13 ta' Awwissu u fil-jiem ta' qabel fl-ibhra tas-sajd kif imfissra fil-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll lil hinn minnhom u f'ibhra ohra, u f'Malta dwar imgieba illegali fir-rigward tal-bastiment 'Robian' bin-numru ta' registrazzjoni tal-*Maritime Mobile Service Identity* (MMSI) 642525000, li jtajjar bandiera Libjana, u obbligi relatati mieghu u s-sajdiet tieghu:

1. nhar l-Erbgha 13 ta' Awwissu ghall-habta tal-23:00 hin ta' Malta, naqas milli javza lill-ufficjal ghat-tharis tas-sajd bl-ammonti, bid-deskrizzjonijiet u bil-prezentazzjoni ta' hut abbord il-bastiment qabel ma l-bastiment dahal fl-ibhra tas-sajd kif obbligat jaghmel taht l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta.[1]

2. akkuzat ta' reat ta' xorta gravi skont id-disposizzjonijiet tal-L.S. 425.08 u precizament id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 3 u 4 tal-imsemmi Ordni *stante* li naqas milli jinnotifika lid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura mill-anqas 3 ijiem tax-xoghol qabel il-hin mistenni tal-wasla fil-port liema nuqqas jikkostitwixxi ksur *ai termini* tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 1005/2008.[2]

3. akkuzat talli fl-ibhra tas-sajd il-kaptan tal-bastiment involut naqas milli jistiva b'mod li ma jkunx lest ghas-sajd it-taghmir tas-sajd tal-bastiment u dan bi ksur tal-Artikolu 14(1) tal-Kapitolu 425.[3]

---

[1] Il-piena ghal tali reat tinsab provduta fl-Artikolu 11, sub-artikolu 2 [tal-Kapitolu 425] u hija multa li tista' tmur minn minimu ta' €4,658.75 sa massimu ta' €58,234.33.

[2] Il-piena ghal tali reat tinsab provduta taht l-Artikolu 4(4) tal-L.S. 425.08 u hija multa li tmur minn minimu ta' €1,000 sa massimu ta' €10,000.

[3] Il-piena ghal tali reat tinsab provduta taht l-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 425 u hija multa li tmur minn minimu ta' €4,658.75 sa massimu ta' €58,234.33.

4. akkuzat ukoll li waqt it-transitu fl-ibhra tas-sajd huwa naqas milli jorbot u jistiva l-irkaptu kollu li kellu abbord, liema nuqqas imur kontra d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 50(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 1224/2009 peress li l-ibhra tas-sajd ta' Malta huma wkoll soggetti ghal regim Kommunitarju tal-isforz tas-sajd kif stabbilit mill-Artikolu 26 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 1967/2006 u ghaldaqstant huma zona ristretta ghas-sajd ghal-fini tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 1224/2009. B'hekk japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 3 u 4 tal-L.S. 425.08 u ghall-fini taghhom hemm reat ta' xorta gravi.[4]

5. akkuzat ukoll li huwa naqas milli jzomm gurnal ta' abbord dwar is-sajd (*log book*) kif obbligat jaghmel taht l-Artikolu 14(8) tar-Regolament (KE) 1224/2009 u dan jikkostitwixxi reat ta' xorta gravi skont id-disposizzjonijiet tal-L.S. 425.08 u precizament l-Artikoli 3 u 4 tal-imsemmi Ordni.[5]

6. akkuzat ukoll talli bhala bastiment mhux registrat mal-*General Fisheries Commission for the Mediterranean* (GFCM) huwa mar kontra l-mizuri taht il-paragrafu 1 tar-*Recommendation GFCM/33/2009/6 Concerning the Establishment of a GFCM Record of Vessels over 15 metres authorised to aperate in the GFCM area Amending the Recommendation GFCM/2005/2* ghax kellu l-hut abbord l-bastiment li tieghu huwa kaptan u dan minghajr awtorizzazzjoni u b'hekk wettaq reat ta' xorta gravi taht id-deposizzjonijiet tal-L.S. 425.08 u precizament l-Artikoli 3 u 4 tal-imsemmi Ordni.[6]

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat Giuseppe Genovese, ihallas

[4] Il-piena ghal tali reat tinsab provduta taht l-Artikolu 4(4) tal-L.S. 425.08 u hija multa li tmur minn minimu ta' €1,000 sa massimu ta' €10,000.

[5] Il-piena ghal tali reat tinsab provduta taht l-Artikolu 4(4) tal-L.S. 425.08 u hija multa li tmur minn minimu ta' €1,000 sa massimu ta' €10,000.

[6] Il-piena ghal tali reat tinsab provduta taht l-Artikolu 4(2) tal-L.S. 425.08 u hija multa ekwivalenti ghall-hames darbiet il-valur tal-prodotti tas-sajd miksuba permezz tar-reat.

il-kost u l-ispejjez relattivi ghall-procediment skont l-Artikolu 31(4) tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li, f'kaz ta' htija, jigu applikati d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 14(2)(b) fir-rigward tal-konfiska tat-taghmir tas-sajd li nstab fuq il-bastiment kif ukoll dawk tal-Artikolu 30(2) u tal-Artikolu 35(1) liema artikoli kollha tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta u dan *inter alia* fir-rigward tal-konfiska favur il-Gvern tat-taghmir tas-sajd (rkaptu) li jinstab abbord u tal-hut mizmum mil-ufficjali ghat-tharis tas-sajd skont il-poteri moghtija lilhom taht il-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta, u kif ukoll dawk id-disposizzjonijiet l-ohra applikabbli skont il-ligi fir-rispett ta' kull konfiska u/jew ghoti ta' garanzija u dan dejjem skont dawk il-provvedimenti li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa w opportuni.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz, inkluz is-CD li giet immarkata bhala Dok. "DB 6" (*a fol.* 115).

Rat li, meta sar l-ezami ta' l-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 22).

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Semghet lix-xhieda prodotti mid-difiza.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ipprezentata fis-26 ta' Jannar 2015 mill-Prosekuzzjoni u mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura (*a fol.* 175 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet responsiva tal-imputat ipprezentata fis-16 ta' Frar 2015 (*a fol.* 190 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tad-19 ta' Frar 2015, is-sottomissjonijiet finali ulterjuri tad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura u tad-difiza (*a fol.* 209 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Joseph Caruana tas-17 ta' Frar 2015 (*a fol.* 202 *et seq.*) fejn inharget garanzija bankarja ta' hamsa u erbghin elf Euro (€45,000) in segwitu tar-Rikors ipprezentat fit-23 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 118 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2014, xehed **Gary Caruana** (*a fol.* 44 *et seq.*) fejn beda billi qal li xoghlu huwa dak ta' *Fisheries Officer* u li fis-6.20pm tat-13 ta' Awwissu 2014 cempillu David Azzopardi (tal-*Fish and Fish*) fejn infurmah li ghad-9.00pm kien ser jidhol il-bastiment Libjan bl-isem ta' 'Robian'. Jghid li meta staqsa lil Azzopardi jekk dan il-bastiment kellux hut, Azzopardi wiegbu li ma kienx jaf peress li l-bastiment kien ser jidhol minhabba hsara.

In kontro-ezami jghid li Azzopardi cempillu darba biss.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2014, **Dr. Edric Micallef Figallo** (ghad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura) ipprezenta seba' dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "EMF 1" sa "EMF 7" (*a fol.* 46 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2014, xehed ukoll **Benjamin Borg** (*a fol.* 81 *et seq.*) fejn qal li huwa jahdem bhala *Trainee Fisheries Protection Officer* mad-Dipartiment tas-Sajd. Wara li ra Dok. "EMF 1" (*a fol.* 46 *et seq.*) qal li fl-14 ta' Awwissu 2014 ra l-bastiment 'Robian' diehel fil-*breakwater* u dana rah minn fuq l-*Automatic Identification System* (AIS). Jghid li minkejja li cempel lil Ernest Galea (rapprezentant tal-bastiment) li nfurmah li l-bastiment imsemmi ma kellux hut, effettivament irrizulta li abbord il-bastiment kien hemm il-hut.

In kontro-ezami jghid li huwa personalment ma marx fuq il-bastiment. Jghid li Galea ilu attiv hafna f'dan ix-xoghol.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2014, xehed ukoll **Christopher Paul Sciberras** (*Fisheries Protection Officer – a fol.* 84 *et seq.*) fejn gie muri Dok. "EMF 1" (*a fol.* 46 *et seq.*) u spjega li fl-14 ta' Awwissu 2014 gew notifikati li l-bastiment 'Robian' kien il-barra mill-*breakwater* u li Ernest Galea nfurmah li ma kien hemm l-ebda hut abbord. Jghid li meta telghu fuq il-bastiment staqsew lill-kaptan (cioé l-imputat) jekk kienx hemm xi *log book* tal-hut abbord fejn l-imputat wegibhom fin-negattiv. Jghid li l-kollega tieghu Pierre Cachia mar jaghmel spezzjoni u rrizultalu li kien hemm hut abbord u dana minkejja li kemm l-agent kif ukoll il-kaptan ma kienux iddikjaraw li kien hemm hut abbord. Jispjega li setgha jara li kien l-irkaptu fuq id-*deck* li minkejja li kien marbut setgha jintuza facilment peress li ma kienx stivat kif suppost. Jghid li ttiehdu xi ritratti u giet issiggilata l-istiva. Jghid li fil-hin li kienu qeghdin jaghmlu l-ispezzjoni kien hemm *technician* abbord li kien qed jaghmel xi tiswijiet f'taghmir elettriku.

In kontro-ezami jghid li Ernest Galea qallu li ma kienx hemm hut abbord. Jghid li hu ma staqsiex lil kaptan Genovese jekk kienx hemm hut abbord. Jghid li fl-ebda hin ma kien dikjarat li kien hemm hut abbord. Jispjega x'tip ta' hut instabu. Ghad-domanda: *"the type of fish that come from trawl nets?"* (*a fol.* 86), wiegeb fl-affermattiv. Wiegeb ukoll fl-affermattiv ghad-domanda: *"So it was consistent with the gear that was on board the ship?"* (*a fol.* 86). Jikkonferma li Dok. "EMF 2" (*a fol.* 48 *et seq.*) huwa dokument veru ta' dak li nstab u dana b'mod specjali dak li hemm miktub fejn in-numri "9" (*a fol.* 49) u "15" (*a fol.* 50). Jghid li Dok. "EMF 2" (*a fol.* 48 *et seq.*) huwa l-uniku dokument li gie moghti lill-imputat biex jiffirmah. Jghid li l-bastiment huwa wiehed registrat taht il-bandiera Libjana. Jixhed li wara li saret l-ispezzjoni ghamel kuntatt ma' Transport Malta li semmewlu li r-raguni ghala l-bastiment dahal Malta kienet minhabba xi *generator*.

**Christopher Paul Sciberras** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 104 *et seq.*) fejn ezebixxa *Automatic Identification System* (AIS) *screen shots* tal-bastiment Libjan 'Robian' liema dokument gie mmarkat bhala Dok. "CS 1" (*a*

*fol.* 106 *et seq.*). Jispjega x'fih dan id-dokument. Jghid: *"The position that shows the vehicle was approximately 55 to 60 nautical miles at the time of the pre-notification given"* (*a fol.* 104).

In kontro-ezami jghid li huwa jaf li l-bastiment dahal fil-port u li kienu qeghdin isiru xi tiswijiet. Ghad-domanda: *"When you see these markings on the AIS plotting [...] do you agree that this shows the vessel making a direct trip to Malta from a certain location far out at sea on the high seas?"* (*a fol.* 105), wiegeb fl-affermattiv. Ghad-domanda jekk il-bastiment ghamilx xi devjazzjoni, wiegeb: *"Yes but that was about 20 zero zero thirty she was told to hold position"* (*a fol.* 105). Jghid li dan gara meta l-bastiment kien qed jigi towjat. Jixhed li kienu tat-Transport Malta li nformaw lil 'Robian' biex izomm il-pozizzjoni tieghu sakemm jinghata l-*clearance* mill-port. Jikkonferma li l-kaptan aderixxa ma' din l-istruzzjoni.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2014, xehed **Anthony Bonello** (*a fol.* 95 *et seq.*) fejn qal li huwa Spettur tad-Dwana u li fl-14 ta' Awwissu [2014] dahal il-bastiment 'Robian' u gew ipprezentanti d-dokumenti necessarji lid-Dipartiment tad-Dwana. Ipprezenta dawn id-dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "AB 1" (*a fol.* 97 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2014, xehed ukoll **Edmond Darmanin** (*a fol.* 101 *et seq.*) fejn qal li huwa Transport Malta *call duty officer* fejn spjega li giet ricevuta notifika normali minn Ernest Galea f'isem 'EG Trading' fejn gew infurmati li kien ser jidhol il-bastiment 'Robian', liema notifika giet accettata. Jghid li din in-notifika saret il-gurnata ta' qabel dahal il-bastiment. Jixhed li l-bastiment kellu jidhol biex isiru xi tiswijiet zghar fil-*generator*. Ezebixxa n-notifika li giet immarkata bhala Dok. "ED 1" (*a fol.* 103).

In kontro-ezami jghid li Galea baghat *email* bin-notifika maghha. Jghid li fuqha kien hemm imnizzel *"minor repairs"*. Jghid li din inkitbet minn Galea u wara saritlu telefonata biex jaraw x'kienu dawn ir-*repairs* u hu qalilhom li kien hemm xi hsarat fil-*generator*.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2014, xehed ukoll **Pierre Cachia** (*a fol.* 109 *et seq.*) fejn qal li huwa *Fisheries Protection Officer* u li

dakinhar tal-14 ta' Awwissu [2014] kien inkarigat biex jaghmel spezzjoni fuq il-bastiment 'Robian' fejn fil-pre-notifika li gie moghti minn Benjamin Borg kien hemm indikat li l-bastiment kien dahal ghal manutenzjoni u li ma kellux hut abbord fuqu. Jghid li x'hin wasal fuq il-bastiment, kien hemm l-agent Ernest Galea li gie mistoqsi jekk kienx hemm hut abbord. Jghid ukoll is-segwenti: *"staqsejna ghal log book li qalilna li m'ghandux il-kaptan li jindika li ma kienx hemm hut imbaghad ta struzzjonijiet lil wiehed mill-crew biex inizzilna nara l-hut li hija parti mill-procedura li naghmlu s-soltu u kif inzilt kien hemm katnazz ovvjament fethu, dhalt kuridur u urieni kamra minnhom li kienet hold fejn ma kienx hemm hut. U qbadt it-triq l-barra mentri kien hemm hold ohra, kien hemm kamra ohra tal-friza ohra, u ghidltu hawnhekk speci rrid narah ukoll. Kienet imsakkra, fetaghha, u hemmhekk dhalt u sibt il-hut. Kien hemm madwar erbghin kaxxa gambli, xi cerna u xi merluzz"* (*a fol.* 109). Mistoqsi jghid jekk rax affarijiet ohra bhal l-irkaptu, wiegeb li kien Christopher Sciberras li ccekkja l-irkaptu u li hu (Cachia) setgha jara dan l-irkaptu fuq id-*deck* li kien facli biex tuzah u li minkejja li kien marbut, jekk jinhall, ikun facli ma' fejn jaqbad. Jghid li gie moghti l-ordni biex isakkar l-istiva u din giet sigillata.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li ma kien hemm l-ebda hut li huwa projbit li tistad ghalih. Jghid li l-hut inqabad bit-*trawling*. Jghid li bhala pozizzjoni ma jafx fejn inqabad dan il-hut. Jixhed li l-imputat setgha jindika l-hut kieku kellu l-*log book*. Jghid li l-gambli kienu homor u dan gie li ra bhalu fi *trawlers* ohra. Mistoqsi jghid x'inhi r-raguni ghala l-bastiment dahal Malta, wiegeb minhabba *maintenance*. Ra Dok. "EMF 2" (*a fol.* 48 *et seq.*) u kkonferma li dan gie kompilat minnu u minn Christopher Sciberras. Jghid li flimkien mieghu, fl-istiva nizel persuna li gie mibghut mill-imputat. Jghid li gie mistoqsi jekk riedx jara t-tieni stiva u din infethet.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Ottubru 2014, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Daryl Borg** (*a fol.* 113 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu in segwitu ta' dak li kienu rraportaw Pierre Cachia u Christopher Paul Sciberras fl-14 ta' Awwissu 2014. Ghamel riferenza ghad-dikjarazzjoni u stqarrija rilaxxati mill-imputat (Dok. "DB 2" u "DB 3" – *a fol.* 11 *et seq.*). Jghid li rcieva wkoll *Letter to Prosecute* ffirmata minn Rendal

Caruana (Id-Direttur tas-Sajd) (Dok. "DB 5" – *a fol.* 18 *et seq.*) u li eventwalment l-imputat tressaq il-Qorti. Ezebixxa wkoll CD li giet immarkata bhala Dok. "DB 6" (*a fol.* 115) liema CD tikkontjeni ritratti mehuda mill-iSpetturi fuq il-bastiment.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2014, xehed l-imputat **Giuseppe Genovese** (*a fol.* 127 *et seq.*) fejn beda billi qal li huwa l-kaptan tal-bastiment 'Robian' u li kien ilu kaptan fuq dan il-bastiment ghal madwar sitt-seba' xhur. Jghid li ilu bahhar awtorizzat ghas-sajd xi 40-45 sena u ilu kaptan madwar 35 sena. Jghid li l-bastiment telaq minn Benghazi fil-bidu ta' Lulju. Jixhed li kienu qeghdin jistadu u hargu minn Benghazi bid-dokument kollha korretti lejn it-13 ta' Awwissu u l-Inginier qal li kien hemm xi problema fil-magna u pprovja jaghmel kuntatt ma' Benghazi pero l-port kien maghluq. Jghid li dan kien forsi minhabba l-gwerra. Jghid li ma kellux komunikazzjoni ma' Malta pero ghamel kuntatt mal-ko-proprjetarju tal-bastiment fl-Italja, bl-isem ta' Dario, u beda jivjagga lejn Malta. Jghid li kkomunika mal-Valletta Port Control u talbuh jistenna barra mill-ilma territorjali u hu hekk ghamel. Jixhed li wara xi hin, l-ghada filghodu, ghamel kuntatt mal-Valletta Port Control u gie nfurmat biex ikompli jistenna. Jghid li kien qed jistad fl-ibhra Libjani u cahad li kien qed jistad fl-ibhra Maltin. Jghid li gie nfurmat li setgha jipprocedi u meta wasal fejn gie nfurmat biex jorbot, telghu zewg persuni mid-Dipartiment tas-Sajd biex jaghmlu l-ispezzjoni u li dawn il-persuni sabu xi gambli. Jghid li hu kien qalilhom li kien hemm il-gambli. Jixhed li dawn il-gambli nqabdu fin-Nord ta' Misurata u n-Nord Est ta' Benghazi. Jghid li s-sajda principali kienet il-gambli pero kien hemm ukoll xi merluzz u xi affarijiet ohra, pero haga zghira. Wara li ra Dok. "EMF 2" (*a fol.* 48 *et seq.*) ikkonferma li fuq dan id-dokument hemm il-firma tieghu. Jixhed li l-bastiment 'Robian' huwa registrat il-Libja u li ghandu awtorizazzjoni minn ghand il-Gvern Libjan biex jistad. Jghid li l-bastiment biddel l-isem xi zmien qabel u li llum l-bastiment huwa ta' persuna bl-isem ta' David, persuna Maltija. Mistoqsi jghid fejn kien l-irkaptu, wiegeb li dan kien kollu mpoggi fil-genb ghax kienu spiccaw mis-sajd peress li ma setghux jahdmu minhabba li l-magna kellha l-hsara. Gie ezebit ritratt mmarkat bhala Dok. "JR 1" (*a fol.* 134) fejn ikkonferma li dan juri l-bastiment in kwistjoni. Mistoqsi jghid x'modifiki jsiru fuq il-bastiment meta jkun qed jistad jew meta jkun lest biex jistad wiegeb li jinhargu l-*arms* u li kif jidher il-

bastiment f'Dok. "JR 1" (*a fol.* 134) huwa meta l-bastiment ma jkunx ser jahdem. Mistoqsi jghid x'inhi l-procedura fil-Libja ghal min jistad, jghid li malli jergghu jidhlu ikunu jridu l-*log book*. Jghid li d-dettalji jintelghu fil-Libja stess.

In <u>kontro-ezami</u>, ghall-kumment li hu stqarr li ma setghax jikkomunika f'certu partijiet mill-vjagg tieghu f'Malta, wiegeb: *"Jien stajt imma kelli diffikulta' tad-distanza li mpedini milli nikkomunika kif xtaqt"* (*a fol.* 131). Jghid li fil-bidu kienu aktar minn 100 mil il-boghod u li kien biss meta kienu bejn 25 u 30 mil il-boghod li beda jikkomunika jew jipprova jikkomunika mal-Valletta Port Control. Jghid li fl-ebda hin ma kkomunika mal-awtoritajiet tas-sajd f'Malta u li kien fil-port biss li kkomunika mal-iSpetturi tas-sajd. Jixhed li kkomunika mal-Valletta Port Control biss meta gie mistoqsi ghal liema raguni kien hemm u hu wiegeb li kellhom problema fil-magna. Jghid li l-irkaptu gie mwarrab fit-13 ta' Awwissu peress li ma setghux ikomplu jahdmu. Jghid li lill-awtoritajiet li marru fuq il-bastiment spjegalhom x'tip ta' sajda kien ghamel u x'kien qabad.

In <u>ri-ezami</u> jghid li apparti mal-Valletta Port Control hu kkomunika wkoll mas-sid Taljan li kkomunika ma' David.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Jannar 2015, xehed **Kevin Camilleri** (*a fol.* 152 *et seq.*) fejn qal li huwa *mobile mechanic* fis-sens li jmur jirranga t-trakkijiet u l-vapuri fejn jieqfu. Jghid li ilu gradwat madwar tnax-il sena. Jixhed li fit-13 ta' Awwissu [2014] kien cempillu David Azzopardi u kien qallu li kien ser jidhol bastiment bil-hsara u talbu biex setgha jaqdih malajr. Jghid li filghodu mar fuq il-bastiment u sab il-hsara fil-magna u ddeskriva fiex kienet tikkonsisti din il-hsara. Jghid li gew ordnati xi *parts* mill-Italja li twahhlu malli waslu. Jghid li l-bastiment dahal b'miraklu fil-port u li ma jafx kif il-bastiment irnexxielu jidhol.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li gradwa mill-MCAST. Jghid li l-bastiment kellu l-*generator* z-zghir tal-emergenza (ta' fuq) jahdem u li ta' isfel kienu mitfija u kellhom jinbidlu.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Jannar 2015, id-difiza ezebiet tlitt dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "JR 2" sa "JR 5" (*a fol.* 157 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-5 ta' Jannar 2015, xehed ukoll **David Azzopardi** (*a fol.* 161 *et seq.*) fejn qal li bhala kumpanija *Fish and Fish* (bhala operatur tal-bastiment) qed jippruvaw jghinu kumpanija Libjana sabiex ihaddmu flotta ta' bastimenti li ghandha din il-kumpanija. Jghid huma (il-*Fish and Fish*) il-*managers* tal-bastiment 'Robian'. Jghid li fit-13 ta' Awwissu [2014] gie nfurmat minn siehbu Taljan li l-bastiment kellu problema u kellu bzonn jidhol Malta minhabba xi hsarat. Jghid li hu avza lil Ernest Galea fil-ghaxija u avza wkoll il-*control room* tad-Dipartiment tas-Sajd. Jghid li l-ewwel kuntatt mieghu ma sarx mill-kaptan pero mill-*partner* Taljan. Jghid li gie nfurmat li l-magna kellha hsara u li kellha bzonn tidhol qabet ma tieqaf. Jixhed li l-eqreb port kien dak ta' Benghazi, li kien maghluq minhabba xi glied, u li Malta kien il-port li jmiss. Jghid li lil Galea qallu li ma kienx jaf jekk il-bastiment kellux hut abbord peress li hu (Azzopardi) ma kellux komunikazzjoni maghom. Jixhed li l-*control room* tas-sajd qalilhom l-istess haga u qalilhom biex imorru jaghmlu spezzjoni. Jghid li l-hut li kien jinqabad kien jinbiegh il-Libja u li l-bastiment kien qed jistad fl-ibhra Libjani. Jixhed li avza lill-ispetturi tas-sajd li kien hemm il-hut abbord, dawn issigillawh u qalilhom li ma kienx hemm intenzjoni li dan jitnizzel Malta. Jghid li l-bastiment huwa registrat il-Libja. Mistoqsi jghid jekk jafx jekk hemmx xi htiega li l-bastiment jigi registrat taht it-trattat, wiegeb: *"Naf li jezisti il-GFCM jigifieri, wara li gara dan il-kaz wahda mill-akkuzi li sirt naf li hemm din il-lista ta' bastimenti li jridu jkunu awtorizzati minn kull pajjiz li huwa membru tal-GFCM"* (*a fol.* 164). Jghid li meta ccekkja sar jaf li l-bastiment huwa rregistrat bl-isem l-antik li kellu ghax lehaq biddel l-isem xi darbtejn. Meta ra Dok. "JR 2" (*a fol.* 157) qal li dan huwa *"GFCM Authorised Vessel List (AVL)"*. Meta ra Dok. "JR 3" (*a fol.* 158) qal li l-bastimenti rregistrati l-Libja huma 270 u l-ahhar *update* mil-Libja kienet fis-16 ta' Jannar 2007 mentri pajjizi ohra ghamlu *updates* aktar ricenti. Jghid li f'Dok. "JR 4" (*a fol.* 159) hemm l-isem tal-bastiment 'Almarsa 1' b'numru ta' registrazzjoni ST 1060. Jghid li dan il-bastiment huwa l-istess bastiment mertu tal-proceduri odjerni peress li nbidel ismu. Jixhed li Dok. "JR 5" (*a fol.* 160) huwa dokument tal-bastiment 'Robian' fejn hemm riferenza ghall-isem precedenti. Jghid li l-bastiment itajjar il-bandiera Libjana u huwa registrat hemm. Jaqbel li l-bastiment ghadu registrat il-Libja. Jghid li l-kwistjoni tal-GFCM qamet biss meta filghaxija kien gie

arrestat l-imputat. Jghid li fuq dan il-kaz hu ma kellux komunikati ohra mad-Dipartiment tas-Sajd. Ezebixxa dokument li gie mmarkat bhala Dok. "DA 1" (*a fol.* 169 *et seq.*) minn liema jidher li huwa cempel ghal xi 6.00pm u li, skond it-*tracking system* tieghu, il-bastiment kien ghadu 67 mil barra minn Malta. In sostenn ta' dan,ipprezenta dokument iehor li gie mmarkat bhala Dok. "DA 2" (*a fol.* 171), liema dokument juri t-*tracking* tal-bastiment kif baqa' diehel fil-port.[7]

In <u>kontro-ezami</u> jghid li, qabel din id-darba, il-bastiment in kwistjoni kien dahal xi erba' darbiet ohra Malta u qatt ma nqalghu problemi. Jghid li mis-sena 2007, il-bastiment biddel ismu darbtejn. Jixhed li ma kienx infurmat dwar il-hut abbord u li l-kuntatt tal-imputat kien mas-socju tieghu Taljan minhabba li ma kellux mezz ta' komunikazzjoni ohra. Jghid li meta l-bastiment jitrasmetti mal-Valletta Radio jitrasmetti permezz ta' VHF u li l-VHF jaqbad sa 30-40 mil biss u mhux aktar.

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-istqarrija (Dok. "DB 3" – *a fol.* 12 *et seq.*) rilaxxata fil-15 ta' Awwissu 2014 mill-imputat lill-Pulizija, liema stqarrija giet rilaxxata wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat u huwa ma hax dan id-dritt (Dok. "DB 2" – *a fol.* 11), ikkonferma li huwa l-kaptan tal-bastiment 'Robian'. Huwa ta dettalji fuq l-istess linji li ta meta ta d-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti. Mistoqsi jghid jekk il-gurnata ta' qabel kienitx l-ewwel okkazzjoni li dahal gewwa l-ibhra Maltin, wiegeb: *"Iva l-ewwel darba li dhalt il-bierah gewwa l-ibhra Maltin in konnessjoni mal-hut. Drabi ohra dhalt minhabba xi hsarat fuq il-bastiment"* (*a fol.* 12). Ghad-domanda jekk kienx jaf li qabel idahhal il-hut f'Malta ried jiddikjara dan il-hut tlett ijiem qabel, wiegeb: *"Jien ma kellix l-intenzjoni li ndahhal il-bastiment Malta izda ghamilt hekk ghaliex kien hemm xi hsarat fuq il-bastiment. Rigward it-tlett ijem jiena ma kontx naf b'din ir-regola"* (*a fol.* 13). Mistoqsi jghid kemm kien hemm hut gewwa l-bastiment, jghid li kellu madwar 100 kaxxa hut. Jghid ukoll: *"Jiena hadd qatt ma qalli li rrid ninforma lill-awtoritajiet tlett*

[7] Fis-seduta tal-5 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 150 *et seq.*) gie verbalizzat is-segwenti: *"Il-Prosekuzzjoni u Dr. Edric Micallef Figallo ghad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura qed jezentaw lid-difiza milli titlob li jigi mharrek xhud tal-kumpanija li rilaxxat Dok. "DA 2" ezebit fis-seduta tallum"*.

*ijiem qabel la l-agenzija u lanqas l-awtoritajiet Maltin. Filfatt jiena meta saqsewni hekk hemmx hut abbord ghidtilhom spontanjament iva"* (*a fol.* 13).

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, bhala l-kaptan tal-bastiment 'Robian', jinsab akkuzat b'numru ta' imputazzjonijiet fir-rigward tad-dhul tal-bastiment imsemmi fil-port f'Malta. Il-Qorti ser issa taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat, liema imputazzjonijiet ser jigu kkunsidrati wahda wahda.

**L-Ewwel (1) Imputazzjoni**
**(Artikolu 11 tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta)**:
Illi, taht dan l-Artikolu tal-Ligi, kaptan ta' bastiment tas-sajd barrani huwa obbligat li jaghti avviz dwar hut abbord il-bastiment jew qabel il-bastiment jidhol fl-ibhra tas-sajd jew inkella qabel il-bastiment jitlaq minn area tal-ibhra tas-sajd li fiha s-sid, il-kaptan jew min jikrih ikollu licenzja biex jistad.

Illi minn imkien ma jirrizulta li sar dan l-avviz kif rikjest mil-ligi. Anzi jirrizulta li l-hut li kien hemm abbord il-bastiment gie skopert biss meta saret spezzjoni appozita. Minkejja li d-difiza tghid li ma setghax jinghata dan l-avviz minhabba forza magguri, il-Qorti mhijiex konvinta minn dan u dana *stante* li l-bastiment ma kellux problemi ta' komunikazzjoni pero ta' navigazzjoni u b'hekk setghet facilment issir tali komunikazzjoni dwar il-hut, per ezempju, mal-ko-proprjetarju tal-bastiment fl-Italja li ghamel kuntatt ma' David Azzopardi.

Illi l-Qorti hija konxja tal-fatt li l-imputat jghid, meta ta d-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti, li huwa ma setghax jikkomunika f'certu partijiet mill-vjagg tieghu lejn Malta tant li jghid: *"Jien stajt imma kelli diffikulta' tad-distanza li mpedini milli nikkomunika kif xtaqt"* (*a fol.* 131). Minkejja dan, l-imputat jghid ukoll li kien meta wasal f'distanza ta' tletin mil li huwa beda jikkomunika ma' Malta. Meta gie mistoqsi ma' min beda jikkomunika, huwa wiegeb li kkomunika mal-Valletta Port Control u meta mistoqsi jekk ghamilx kuntatt mal-awtoritajiet tas-

sajd, huwa wiegeb fin-negattiv. Il-Qorti tinnota li anke kieku, ghall-grazzja tal-argument, l-imputat bl-ebda mod ma setgha jaghmel kuntatt ma' hadd, anqas mal-ko-proprejatarju Taljan, huwa messu ghal tal-anqas ghamel dak li huwa rikjest jaghmel taht Artikolu 11 tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta ma l-ewwel cans li kellu. L-imputat, li jixhed li ilu bahhar awtorizzat ghas-sajd xi 40-45 sena u ilu kaptan madwar 35 sena, ma ghamilx dan!

Illi l-fatt li l-Awtoritajiet Maltin taw permess lill-bastiment biex jidhol fil-port u l-fatt li l-imputat kien ghamel kuntatt mal-agenti tieghu biex isiru l-arrangamenti necessarji ma jfissirx li l-imputat kien heles mill-obbligu tieghu taht Artikolu 11 tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant, jirrizulta li l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Regolamenti 3 u 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 425.08)</u>**
**<u>(Artikolu 6(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1005/2008)</u>**:
Illi Artikolu 6(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1005/2008 jiddisponi li l-kaptani ta' bastimenti tas-sajd ta' pajjizi terzi jew ir-rapprezentanti taghhom ghandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-port jew facilitajiet ta' zbark specifikati li jkunu jridu juzaw mill-anqas 3 ijiem ta' xoghol qabel il-hin mistenni tal-wasla fil-port bl-informazzjoni kif elenkata fl-Artikolu 6(1) imsemmi. Dan iz-zmien gie derogat ghal terminu *"ta' mill-inqas 72 siegha qabel il-hin stmat tal-wasla fil-port"*.

Illi filwaqt li l-Qorti taghmel riferenza ghall-konsiderazzjonijiet li saru fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat, inkluz fejn saret riferenza ghall-forza magguri kif argumentat mid-difiza, il-Qorti hija tal-fehma li d-difiza ghandha ragun meta fl-argumenti mressqa fin-Nota responsiva taghha tindika ghala t-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat ma gietx pruvata. F'dan il-kaz, il-Qorti hija tal-fehma li tenut kont tar-raguni ghala l-bastiment dahal fil-port f'Malta u l-mod li huwa dahal kif dahal, inkluz, pero mhux limitatament, il-fatt li ma jirrizultax li l-port f'Malta kien fl-iskeda originali tal-bastiment, ma ghandux jigi applikat strettament dak li jiddisponi l-

Artikolu 6(1) imsemmi hawn fuq. Ghaldaqstant, l-imputat ser jigi liberat mit-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 14(1) tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat bhala kaptan tal-bastiment in kwistjoni qed jigi akkuzat li naqas milli jistiva b'mod li ma jkunx lest ghas-sajd it-taghmir tas-sajd.

Illi Christopher Paul Sciberras jixhed hekk: *"In the meantime the agent or the captain while Mr. Cachia was in the hold did not declare there was any fish on board. So after that I also we took photos of the gear, the fishing nets and that was on the deck and that was lashed or tied down but it was so that if you needed it you could use it if you wanted to it wasn't stowed away"* (*a fol.* 85). Da parte tieghu, Pierre Cachia jghid li hu setgha jara dan l-irkaptu fuq id-*deck* li kien facli biex tuzah u li minkejja li kien marbut jekk jinhall ikun facli ma' fejn jaqbad (*a fol.* 110).

Illi, minkejja dak li xehdu z-zewg persuni msemmija hawn fuq, il-Qorti ma hijiex sodisfatta li effettivament kien hemm ksur tal-Artikolu 14(1) tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta f'dan il-kaz u dana peress li l-Qorti, tenut kont tar-raguni ghala l-bastiment dahal fil-port f'Malta u tenut kont tal-fatt li l-bastiment kellu hsara li kellha tigi msewwija u tenut kont tal-fatt li l-Artikolu in kwistjoni jezigi li t-taghmir tas-sajd ghandu jkun stivat b'dak il-mod *"li ma jkunux ghal-lest li jintuzaw ghas-sajd"*, il-Qorti ma jirrizultalhiex li kien ser isir xi sajd. Dan qieghed jinghad peress li fid-depozizzjoni tieghu, l-imputat jispjega li l-irkaptu, kien impoggi fil-genb ghax kienu spiccaw mis-sajd peress li ma setghux jahdmu minhabba li l-magna kellha l-hsara. Apparti minn dan, meta l-imputat gie muri ritratt Dok. "JR 1" (*a fol.* 134) u gie mistoqsi jghid x'modifiki jridu jsiru fuq il-bastiment meta ikun qed jistad jew meta jkun lest biex jistad, huwa wiegeb li johorgu l-*arms* li jsiru permanenti meta johorgu ghas-sajda. L-imputat jispjega li kif jidher il-bastiment f'Dok. "JR 1" (*a fol.* 134) huwa meta ma l-bastiment ma jkunx ser jaghmel sajd. Dan ma giex kontradett mill-Prosekuzzjoni.

Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti mhijiex ser issib htija fl-imputat fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk ser tilliberah minnha.

**<u>Ir-Raba' (4) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Regolamenti 3 u 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 425.08)</u>**
**<u>(Artikolu 50(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1224/2009)</u>**:
Illi Artikolu 50(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1224/2009 jiddisponi li l-irkaptu m'ghandux biss ikun *"marbut"* izda <u>wkoll</u> *"stivat matul it-transitu"*.

Illi l-Qorti tinnota li minkejja li din l-imputazzjoni tista' titqies li hija b'xi mod relatata mat-tielet (3) imputazzjoni, pero dak li qed jigu akkuzat bih l-imputat taht ir-raba' (4) imputazzjoni mhuwiex ezattament dak li gie akkuzat bih taht it-tielet (3) imputazzjoni. Mentri t-tielet (3) imputazzjoni tirrigwarda stivar tal-irkaptu b'mod li l-bastiment ma jkunx lest ghas-sajd, taht ir-raba' (4) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li naqas milli jorbot u jistiva l-irkaptu kollu li kellu abbord. Tenut kont ta' dak li qalu x-xhieda li gew kwotati fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni, il-Qorti jirrizultalha li effettivament l-irkaptu ma kienx stivat kif suppost. Il-kwistjoni ta' forza magguri hija rrilevanti f'dan il-kaz u dana peress li minkejja din il-forza magguri, l-irkaptu setgha xorta wahda jigi marbut u stivat kif support. Ma jirrizultax li l-irkaptu kien stivat kif suppost u ghaldaqsant il-Qorti jirrizultalha li r-raba' (4) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

**<u>Il-Hames (5) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Regolamenti 3 u 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 425.08)</u>**
**<u>(Artikolu 14(8) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1224/2009)</u>**:
Illi Artikolu 14(8) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1224/2009 jestendi ghall-bastiment tas-sajd ta' pajjjizi terzi l-obbligi relattivi ghall-bastiment tas-sajd tal-UE fir-rigward tal-gurnal ta' abbord is-sajd, komunement imsejjah *log book*. Mill-atti processwali ma jirrizultax li kien hemm gurnal ta' abbord dwar is-sajd. *Di fatti*, Christopher Paul Sciberras jixhed li meta telghu fuq il-bastiment u staqsew lill-imputat jekk kienx hemm xi *log book* tal-hut abbord, l-

imputat wiegeb fin-negattiv. Da parte tieghu, Pierre Cachia jixhed li meta staqsew ghal *log book* gew infurmati li l-kaptan ma kellux.

Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti ma ghandu jibqaghlha l-ebda dubju li l-hames (5) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

**<u>Is-Sitt (6) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Regolamenti 3 u 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 425.08)</u>**
**<u>(Paragrafu 1 tar-*Recommendation GFCM/33/2009/6*)</u>**:
Illi Paragrafu 1 tar-*Recommendation GFCM/33/2009/6*) jiddisponi s-segwenti:

> *"The Commission shall establish a GFCM record of fishing vessels larger than 15 metres in length overall autorised to fish in the GFCM Area. For the purpose of this Recommendation, the vessels larger than 15 metres in length overall not entered into the record are deemed not to be authorised to fish for, retain on board, tranship or land species covered by the Commission".*

Illi jirrizulta mill-atti processwali li l-bastiment 'Robian' ilu zmien twil li gie registrat fir-Registru tal-GFCM. Jirrizulta wkoll li l-istat Libjan jinsab ghaddej minn diversi problemi governattivi u kif ukoll amministrattivi bil-konsegwenza li l-ahhar *update* mil-Libja kienet fis-16 ta' Jannar 2007. Apparti minn dan, mid-dokumenti ezebiti mid-difiza jirrizulta li l-bastiment 'Robian' kien igib l-isem ta' 'Almarsa 1' bin-numru ta' registrazzjoni ST 1060 li huwa l-istess numru abbinat mal-bastiment 'Robian'. Tenut kont ta' dan u tenut kont tar-raguni ghala l-bastiment dahal fil-port Malti, il-Qorti ma jirrizultalhiex li s-sitt (6) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputazzjonijiet li gew sodisfacentement pruvati huma s-segwenti: l-ewwel (1), ir-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjonijiet.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi,

fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat u li gew pruvati, ir-raguni ghala l-bastiment dahal fil-port Malti u kif ukoll l-applikazzjoni tal-Artikolu 17(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni (2), tat-tielet (3), u tas-sitt (6) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah mill-imsemmija imputazzjonijiet, wara li rat Artikolu 17(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 11 tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolamenti 3 u 4 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 425.08 tal-Ligijiet ta' Malta [u Artikolu 50(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1224/2009 u Artikolu 14(8) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1224/2009] issib lill-imputat Giuseppe Genovese hati tal-ewwel (1), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa komplessiva ta' hamsa u ghoxrin elf Euro (€25,000).
*Ai termini* ta' Artikolu 30(2) tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tar-rikavat kollu mill-bejgh tal-hut li nstab fuq il-bastiment 'Robian' u tordna r-rilaxx effettiv u finali tal-bastiment favur l-imputat ladarba tigi mhallsa l-multa komplessiva li l-imputat gie kundannat ihallas b'din is-sentenza.

Il-Qorti m'hijiex ser tordna l-konfiska tat-taghmir tas-sajd, strumenti u apparat abbord il-bastiment.

Il-Qorti tinnota li m'huwiex il-kaz li jigi applikat Artikolu 31(4) tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni f'dan is-sens.

Finalment, *stante* li l-imputat gie liberat mit-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, b'hekk mhux ser jigi appikat Artikolu 14(2)(b) tal-Kapitolu 425 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant il-Qorti tichad ukoll it-talba tal-Prosekuzzjoni f'dan is-sens.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------